MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 463/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Jesmond J. Borg)
Vs
Adil Hassan Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Awissu 2011 u fil-jiem ta' qabel:

a) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe kontra PS430 Andrew St. John u PC 1572 Eman Cilia, waqt li

kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai terminu tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) ikkommettejt dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalmnet jiltaqghu iz-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u t-tieni proviso ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' tliet snin u nofs prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom u multa ta' elfejn Euro (€2000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.
Inoltre, l-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €868.78, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu prekritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija

bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.
Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tvarja l-istess sentenza fejn din ikkundannatu ghal tlett snin u nofs prigunerija u elfejn Ewro multa u minflok tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-prosekuzzjoni u d-difiza dehrilhom li kellhom jippateggjaw din il-kawza. In effetti sar verbal fis-7 ta’ Ottubru, 2011 fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni rrikmandaw lill-Qorti tikkundanna lill-imputat sena prigunerija flimkien ma multa idoneja.

Illi b’mod sorprendenti ghall-ahhar u b’mod sproporzjonat ghall-ahhar l-Ewwel Qorti injorat dak verbalizzat quddiemha u kkundannat lill-apellant piena tlett darbiet u nofs aktar minn dak li kien gie ppatteggjat quddiemha.

Illi huwa minnu li l-istitut tal-plea bargaining quddiem il-Qrati Inferjuri mhuwiex regolat bil-ligi.

Illi in effetti dan l-istitut gie introdott fil-ligi penali taghna bl-artikolu 453A tal-Att III tas-sena 2002.

Sfortunatament din l-emenda tapplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi umbaghad l-artikolu 393A(5) jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu sureferit ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-

Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija huwiex hati jew m'huwiex hati.

Illi jerga` jinghad per sfortuna li dawn l-emendi ma jirreferux ghall-proceduri quddiem Qrati Inferjuri fil-vesti taghhom bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali.

Illi madankollu jinghad li kienet ilha l-prassi quddiem dawn il-Qrati li jsir patteggjament mhux formali u allahares kien mod iehor l-ghaliex kieku hafna kawzi li jistghu jigu konkluzi b'mod spedit jibqghu jiddilungaw ruhhom inutilment a pregudizzju ta' l-istess retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi fl-isfond ta' dan kollu l-kwistjoni finalment giet rimessa l-Qorti tal-Appelli Kriminali li tat linji gwida ta' kif ghandu tabilhaqq isehh il-patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri.

Illi hawn id-difiza tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Spagnol deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali sede Inferjuri tas-6 ta' Jannar, 2005.
Hawn il-Qorti verbatim qalet hekk :
*"....Mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati (Qrati Inferjuri) il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija".*

Illi din il-Qorti pero` formalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri. Il-Qorti qalet :
*".....Dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe` jew bil-fomm waqt l-udjenza " in open Court" jew permezz ta' xi att gudizzjarju".*

Illi d-difiza ben konsapevoli ta' din is-sentenza anke peress li l-Avukat sottofirmat kien jippatrocinja lill-appellant f'dik il-kawza qaghad attent li jimxi verbatim ma dak enunzjat minn dik is-sentenza. In effetti l-patteggjament sar "in open Court" u verbalizzat in atti.

Illi dik l-istess Qorti kkummentat ukoll f'dan is-sens;

*".....il-gudikant jista` jindika li siegha jekk ikun hemm ammissjoni u siegha jekk le x'forma partikolari ser ikollha s-sentenza li ha jkun ser jaghti".*

Illi f'dan il-kaz la l-Qorti kellha f'mohha tiddepartixxi daqstant minn dak patwit zgur li l-prudenza kien jirrikjedi li l-Qorti kellha taghti xi indizju u mhux taghti sentenza li ssorprediet kemm l-istess prosekuzzjoni u difiza daqstant.

Illi l-element ta' sorpriza zgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li tippregudika mhux biss lill-imputat imma sfortunatament anke l-istess difensur li jkun ggwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri.

Illi zgur li kieku d-difiza kellha indizji mod iehor kienet tirregola ruhha alternattivament.

Illi del resto ghandu jinghad li l-konsiderazzjonijiet mehuda mill-Ewwel Qorti zgur li bl-ebda mod ma kellhom iwasslu ghaldaqstant disparita bejn dak rekommandat mid-difiza u l-prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti kellha tikkonsidra bi prijorita` t-tip ta' droga misjuba. Ghad li l-ligi taghna sfortunatament ma taghmilx distinzjoni bejn hard drugs u soft drugs llum huwa ormai palezi li meta si tratta ta' cannabis il-piena tkun ferm anqas minn meta d-droga involuta tkun nghidu ahna eroina jew kokaina.

Illi l-Qorti kellha ukoll tikkonsidra l-ammont deminimis ta' cannabis misjub u cioe` anqas minn hames grammi.

Illi l-Qorti kellha ukoll tikkonsidra li l-appellant ghandu fedina penali netta.

Il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tippenalizza lill-appellant daqstant ghax ammetta biss wara ftit xhur wara l-presentata. Il-Qorti tapprezza li f'dak iz-zmien id-difiza kienet qed taghmel tentattivi biex tasal ghall-forma ta' patteggjament mal-prosekuzzjoni. Id-difiza umbaghad umilment thoss li ghandha tissottometti li ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti haditha daqstant bi kbira ghaliex id-difiza

ghamlet xi ftit xhur biex tirregola ruhha meta l-istess Qorti innifisha nonostante l-ammissjoni u nonostante l-patteggjament li sar quddiemha damet hi stess xhur tiddilunga biex tippronunzja s-sentenza.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu s-sentenza enunzjata kienet sproporzjonata ghall-ahhar.

Ikkunsidrat :

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament patteggjament informali illi sar bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni u erogat sentenza ta’ prigunerija ferm ghola minn dak patwit.

Fil-fatt irrizulta li b’verbal tas-7 ta’ Ottubru, 2011 (fol. 48) gie ddikjarat “difiza u l-prosekuzzjoni qeghdin jirrakomandaw lil Qorti tikkundanna lill-imputat sena prigunerija flimkien ma’ multa idonea.”

Hu minnu illi l-istitut ta’ “pre-bargaining” kif regolat bl-artikolu 453(A) japplika biss ghal Qorti Kriminali u dak quddiem il-Qorti Inferjuri mhuwiex regolat bil-ligi, pero` hija prassi komuni, illi mhux ta’ min jinjora illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sabiex jithaffew il-proceduri, gieli jkun hemm sitwazzjoni fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni jiddikjaraw lil Magistrat illi huma jaqblu fuq piena partikolari. Veru illi l-Magistrat mhuwiex marbut ma dak illi jkun rakkomandat u jista` jeroga piena differenti minn dak patwiet. Pero`, huwa principju ta’ gustizzja naturali illi meta dana jsir il-partijiet ghandhom jigu mgharfa minn qabel specjalment id-difiza illi m’ghandhix tkun zvantaggjata b’sorprizi illi dwarhom ma tista` taghmel xejn. Huwa f’dan il-kuntest illi trid tiftiehem is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs Mario Spagnol” deciza 06-01-2005 fejn intqal “……*mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati (Qorti Inferjuri), il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f’ kaz ta’ ammissjoni ta’ htija.”*

Il-Magistrat jista` jaqbel jew ma jaqbilx ma dak patwit pero` meta ma jaqbilx ghandu jiddikjara n-nuqqas ta’

aderzjoni tieghu qabel ma tinghata s-sentenza sabiex id-difiza tkun f’posizzjoni illi taghti parir lill-akkuzat.

Il-Qrati mhumiex qeghdin hemmhekk sabiex jaqbdu lil parti jew ohra fuq sieq wahda, tiehu vantagg minn dan biex umbaghad b’sorpriza takkorda mizura jew sanzjoni li ma tkunx mistennija mill-partijiet.

Jekk isir hekk,  id-dritt ta’ smiegh xieraq ikun ippregudikat mill-istess Qorti li tkun ikkreat sitwazzjoni ta’ sorpriza ghad-difiza u ghal prosekuzzjoni b’konsegwenzi serji ghaz-zewg nahat.

Ghalhekk biex issir gustizzja, u ma jkunx gie priv id-dritt ta’ doppju ezami l-Qorti filwaqt illi tilqa` l-appell tal-appellant, tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti, b’dana illi tpoggi lill-istess appellant fis-sitwazzjoni li kien qabel l-ghoti tas-sentenza u tordna illi l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex din tiddikjara n-nuqqas ta’ aderzjoni taghha mal-verbal tas-7 ta’ Ottubru 2011 u d-difiza u l-prosekuzzjoni jirregolaw il-posizzjoni taghhom,  iressqu provi godda jekk ghandhom, u l-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------